MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 452/2014

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-esponenti izzewwget lill-intimat fis-7 ta' Lulju 1991 Dok A huwa ic-certifikat taz-zwieg; minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla – K (illum ta' 15 sena) Dok B huwa ic-certifikat tat-twelid;
2. Illi iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tant li l-partijiet ilhom li isseparaw u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat 31 ta' Ottubru, 2006 – Dok C;
3. Illi intant il-partijiet ilhom separati de facto u de lege ghal aktar minn hames snin u minn dawn is-snin ilhom separati permezz tal-kuntratt ghal perjodu ta' tmien snin;
4. Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni;
5. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u ma hemm ebda manteniment dovut ghat-tifla li ghadu pendenti;
6. Illi l-attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt li titlob u tottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara u tordna li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Lulju 1991 jigi dikjarat xolt ai termini tal-Artiklu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Ottubru, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Ottubru, 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------